Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)

vs

Patrick Cesare

Illum 30 ta Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘l fuq imsemmi imputat Patrick Cesare, imwieled Pieta fil-23 ta’ April, 1982, li permezz taghhom gie akkuzat talli fil-lejl bejn il-5 u is-6 ta’ Settembru, 1998 gewwa l-Imsida :

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Kenneth Camilleri f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Kenneth Camilleri, liema hsara hija offiza gravi li tista’ iggib periklu, debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew

f'wahda mill-idejn ta' Kenneth Camilleri mill-Msida kif iccertifika Dr. L. Spiteri tal-Isptar San Luqa;

2) Talli fl-istess lok, jum u hin, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Kenneth Camilleri mill-Msida kif iccertifika Dr. L. Spiteri M.D. tal-isptar San Luqa;

3) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta' Kenneth Camilleri sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara;

4) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-24 ta' April tas-sena 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikolu 216 (1) (a), (b), (c), (d) tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 339(1) (d), 338 (dd) tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikolu 15 tal-Kap. 65.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat il-provi illi tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-1 ta’ Novembru, 2001;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana fuq ammissjoni volontarja tieghu stess u wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta’ April, 2000.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat fuq imsemmi kien minorenni meta ikkommetta l-imputazzjonijiet in kwistjoni, kif ukoll il-fatt illi ghandu fedina penali relattivament netta.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tara illi l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u ghaldaqstant wara illi rat ukoll l-Artikoli 21, 17 u 37 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 qeghda taghmel ordni tal-probation li permezz tieghu qeghda tqieghed lill-imputat fuq imsemmi taht is-sorverjanza u s-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation M'Anne Zammit ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bil-konsegwenzi ta' din l-ordni tal-probation u li jekk huwa jonqos milli joqghod ghal din l-ordni jew inkella jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin illi matulhom ghandha issehh din l-ordni tal-probation huwa jista jigi ikkundannat ghar-reati originali.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din l-ordni ta' probation ghandha tinghata lill-hati u lill-Ufficjal tal-probation M'Anne Zammit.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur